MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1004/2004

**Dame Dolores Galea**

**vs**

**Steve Scicluna u martu Charmaine Scicluna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-attrici s-somma ta' hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) rappresentanti "laudemium" dovut bhala konsegwenza ta' trasferiment favur il-konvenuti tal-flat numru 2, formanti parti mill-Block jismu "Totnes" li jinsab Furtu Selvatico Street, san Giljan, liema trasferiment sar permezz ta' kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace tas-17 ta' Settembru 1997.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, ingunti in subizzjoni.

Ra n-nota ta’l-attrici ipprezentat fis-17 ta’ Settembru 2004 fejn hija cediet is-sorte tal-kawza, izda zammet ferm il-kap ta’l-ispejjez.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u dana limitatament in konnessjoni mal-kap ta’l-ispejjez. (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-17 ta’ Settembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li ra n-nota ipprezentata mill-attrici fis-17 ta’ Settembru 2004, jastjeni milli ikompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza, u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ispejjez kollha ta’ din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------